# TRIBUNAL INDUSTRJALI

## DECIZJONI NUMRU 2421

**Kaz Numru 3222/CC**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Karl Grech (ID 55657M)**

**u**

**Lighthouse Innovations Limited (C46299)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta**

**Chairman: Is-Sur Charles Cassar M.B.A.(Exec.), Dip.Lab.Stud., Cert.Mediator (UK)**

**Nhar l-Erbgha 2 ta' Dicembru, 2015**

- **Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrjali permezz ta' nota pprezentata mill-Appellant Karl Grech fir-Registru tal-Qrati Superjuri nhar l-14 ta' Marzu, 2014, fejn sostna li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu hija wahda mhiex valida. Is-Socjeta' ntimata min-naha l-ohra sostniet li l-impjieg tal-Appellant kien gie terminat ghal raguni valida fil-ligi.

It-Tribunal ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz kif prezentati miz-zewg partijiet, zamm hdax-il seduta fejn sema' l-provi prodotti miz-zewg nahat u evalwa d-dokumenti kollha kif prezentati, kif ukoll it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien xahar kif stabbilit mil-ligi minhabba limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi.

- **Rapprezentanza**

Karl Grech li minn issa l-quddiem ser jissejjah l-Appellant kien assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona.

Lighthouse Innovations Limited li minn issa l-quddiem ser tissejjah is-Socjeta' ntimata kienet irraprezentata minn Roderick Muscat Monsigneur, li kien assistit mill-Avukat Paul Gonzi.

- **Fatti fil-qosor tal-kaz**

L-Appellant kien gie mpjegat mas-Socjeta' ntimata f'Marzu, 2009, bhala *Marketing Director*.

Fl-ahhar sentejn il-kumpanija minn sitwazzjoni ta' profitti bdiet tirregistra telf, u dan konsegwenza li x-xoghol naqas hafna. Dan wassal sabiex minn 14 il-haddiem, in-numru tal-impjegati nizel ghal 4.

Din is-sitwazzjoni laqtet ukoll lill-Appellant fejn huwa safa *redundant* nhar il-31 ta' Jannar, 2014.

- **Gabra fil-qosor tax-xhieda**

**Roderick Muscat Monsigneur** xehed li huwa *CEO* u *Managing Director* tas-Socjeta' ntimata. Spjega f'certu dettall ix-xoghol ta' l-Appellant bhala *Marketing Director* fejn kien jiehu hsieb l-*acquisition*, il-*consultancy*, il-*handling,* u *buying* tal-klijenti tal-agenzija tas-servizzi tar-reklamar. Spjega ukoll kif l-impjegati ma jkunux unikament assenjati ma' klijent partikolari biss, izda kien ikun hemm drabi fejn minhabba xi *area* specjalizzata kien ikun ukoll involut impjegat iehor. Dan gieli gara wkoll kemm mieghu nnifsu kif ukoll mall-Appellant. Ix-xhud qal li meta l-Appellant kien gie biex jispicca mix-xoghol, fid-dipartiment kien hemm zewg impjegati, fejn apparti l-Appellant kien hemm ukoll *Marketing Executive*. Dwar il-*performance* tal-Appellant ix-xhud stqarr li kien hemm certu lmenti minn Diretturi ohra, fejn anke hu kien jistenna ahjar minnu u dan kemm bhala *performance* u anke bhala responsabilita, b'mod partikolari meta bdew jonqsu l-impjegati fejn allura l-*effort* sabiex jigi generat aktar xoghol ried ikun akbar.

Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti spjegazzjoni ta' kif fl-ahhar snin naqas ix-xoghol tal-agenzija u konsegwentament kienet u ghadha qieghda titlef il-flus. Huwa ta' spjegazzjoni dettaljata ta' kif naqas it-*turnover*. Qal li l-kumpanija fejn kien jahdem l-Appellant minn 14 il-haddiem, illum hemm

4, fil-waqt li mal-grupp minn massimu ta xi 35 impjegat, in-numru ta' mpjegati nizel ghal madwar 19. Ix-xhud qal li xi nies li kienu irrizenjaw mill-impjieg kienu qalulu li qed jirrizenjaw peres li kienu qed jaraw li x-xoghol ken qed jonqos.
Ix-xhud spjega li huma kienu konxji mis-sitwazzjoni xejn sabiha sa minn xi tlett snin qabel, liema sitwazzjoni gieli giet diskussa waqt *management board meetings* li ghalihom kien ikun prezenti wkoll l-Appellant. Ix-xhud spjega f'certu dettall laqgha partikolari fejn fiha kienu hadu sehem huwa, Mr.Borg u Mr.Fiorini u wara gie msejjah ukoll l-appellant. F'din il-laqgha kienu gew immirati xi targets ta' xoghol f'ammonti ta' flus, liema ammonti kienu meqjusa bhala essenzjali sabiex il-kumpanija ma' titlifx. Ix-xhud kompla li f'din il-laqgha l-Appellant wera attitudni fejn qiesu ma' riedx jikkommetti ruhu. Ix-xhud sostna li kienu diversi d-drai fejn l-Appellant wera nuqqas ta' *commitment* u ta' ezempji, fejn huwa (ix-xhud) gieli gibed l-attenzjoni tal-Appellant.
Spjega li l-kumpanija fi zmien sentejn minn €100,000 profitti nizlet ghall €150,00 telf. Sostna li l-Appellant kien jaf li s-sitwazzjoni tal-fergha fejn kien jahdem hu ma' kienetx aktar sostenibbli.
Qal li ftit qabel it-tmiem tal-impjieg tal-Appellant u cjoe nhar il-5 ta' Dicembru 2013, huwa kien talab lill Appellant xi informazzjoni dwar xi kopji ta' *invoices*. Ix-xhud tenna li l-Appellant deher konfuz u beda jdawwar il-kliem fejn beda jinterpreta s-sitwazzjoni bhala li 'postu mhux hawn'. Ix-xhud kompla li dak il hin huwa qal lill Appellant li kien lest jaccettalu r-rizenja.
Ix-xhud spjega li meta huwa talab ir-rizenja bil-miktub lill Appellant, fejn dan ftit tal-hin wara wiegeb li m'huwiex ser jirrizenja. F'dak il-mument ix-xhud qal li huwa kien wiegbu li xoghol ghalih ma' ghandux aktar. Ix-xhud qal li mall-ETC it-tmiem tal-impjieg tal-Appellant kien registrat bhala *redundancy*. Ix-xhud sostna li minn dakinhar hadd ma gie mpjegat sabiex jaghmel ix-xoghol li kien jaghmel l-Appellant anzi zied li llum hadd ma ghadu mpjegat mall-kumpanija.

Meta mistoqsi li kieku dakinhar li gie mitmum l-impjieg tal-Appellant ma nqalax l-incident li eventwalment wassal ghat-tmiem tal-impjieg, huwa kienx xorta wahda dakinhar jaghmlu *redundant*, ix-xhud qal li fil-verita '*on the table'* kien hemm mhux biss ir-*redundancy* tieghu izda anke ta' ohrajn.

**Eleazer Borg** permezz ta' *affidavit* xehed li huwa ilu jahdem mas-Socjeta' ntimata sa mid-19 ta' Lulju, 2010, u dan fil-kariga ta' *Financial Controller*. Huwa qal li s-sid tas-Socjeta' hija Lighthouse Group fejn din ghandha kumpanija ohra bl-isem ta' Lighthouse Productions Ltd.

Ix-xhud spjega n-natura ta' servizzi li toffri s-Socjeta' ntimata li principalment jiffokaw fuq *Marketing*, fejn Mark Grech kien il-*Managing Director* taghha.

Ix-xhud kompla li tezisti kumpanija ohra bl-isem ta' Lighthouse Communications Ltd. Qal li din ma tiffurmax parti mil-Lighthouse Group, pero' s-sidien taghha huwa l-istess '*beneficial shareholders'*.

Wara x-xhud spjega kif wara dak li huwa ddeskriva bhala kizi internazzjonali tal-2008/9, is-Socjeta' ntimata beda jonqsilha x-xoghol fejn l-ahhar darba li ghamlet qliegh kien fl-2010. Qal li fis-snin ta' wara bdiet tirregistra telf, bil-figura titla €32,093 fis-sena 2013. Spjega li bhala *Group* (inkluz Lighthouse Communications Ltd.) fl-2013 it-telf kien ta' €147,096.

Ix-xhud wara ghadda sabiex jispjega l-mizuri strategici li beda jiehu l-*Group* sabiex jiffaccja din is-sitwazzjoni. Wahda minn dawn il-mizuri kienet li tigi adottata *policy* fejn min jispicca mix-xoghol ma jigix rimpjazzat, tant li bejn l-2010 u l-2014, in-numru ta' mpjiegi naqas bi 42%.

Spjega kif l-affaraijiet ghas-Socjeta' ntimata komplew sejrin ghall-aghar, meta fl-2013 tilfet xi whud mill-klijenti magguri taghha, fosthom il-Meditrranean Bank u Hilton Malta.

Huwa qal li bhala mebru fit-'*top management'*, l-Appellant kien iz-zmien kollu konxju tas-sitwazzjoni, fejn kullhadd kien jaf li l-impjieg tieghu kien minaccjat.

Ix-xhud qal li l-Appellant thallas dak kollu dovut lilu bil-ligi u li minfloku ma kien gie mpjegat hadd.

**Tony Fiorini** apparti affidavit ipprezentata, meta kontro-ezaminat xehed li huwa ilu jaf lill-Appellant sa minn meta dan dahal fl-impjieg mall-kumpanija fil-kariga ta' Marketing Director u cjoe lejn 2006. Ix-xhud qal li huwa mhuwiex impjegat mall-kumpanija izda *Business/Financial Consultant.* Ix-xhud qal li kien ikollu kuntatti mieghu bhala wiehed mill-*Management Team*. Ix-xhud ghamel referenza ghall meeting li kien issejjah mis-Sur Muscat Monsigneur fejn kien prezenti ukoll l-Appellant. Ix-xhud qal li f'din il-laqgha kienet giet diskussa l-posizzjoni tad-dipartiment tal-Appellant fejn kien intqal lilu li sabiex id-dipartiment ikun vijabli irid jiggenera xoghol ta' madwar €25,000 fix-xahar. Ix-xhud spjega li lejn is-snin 2013/14 il-kumpanija bdiet tirregistra telf, fejn qal li l-pagi kienu parti

sinifikanti mill-*expenditure*. Ix-xhud sostna li s-sens ta' dak il-*meeting* kien li jekk il-kumpanija se tibqa' sejra kif kienet ma kienu ser jaslu mkien. Ix-xhud qal li din is-sitwazzjoni kienet giet indirizzata anke qabel, fejn qal li minkejja l-isforzi li kienu saru minn kullhadd ir-rizultati ma kienux inkoragganti.
Spjega li meta l-affarijiet kienu sejrin tajjeb il-kumpanija kellha 30 impjegat, fejn illum ghanda 10 u ftit taz-zmien iehor kienu ser ikunu 7 u z-zewg *Board Directors.*
Ix-xhud wara ghadda ghal-laqgha ohra li kienet saret wara l-laqgha riferuta qabel. Qal li meta dahal l-Appellant id-diskurasta kienet tikkoncerna xi *invoicing*, fejn huwa intalab igib xi *invoices* li dwarhom kien hemm xi xoghol imwahhal. Ix-xhud iddeskriva l-ambjent ta' dan il-*meeting* bhala wiehed ta' certa tensjoni u mimli battibekki.
Ix-xhud qal li f'hin minnhom waqt dan il-*meeting* l-Appellant bhal esklama fejn qal 'li posti mhuwiex hawn'. Frazi, li skond ix-xhud kienet tinftiehem li kien ser jirrizenja, tant li s-Sur Muscat Monsigneur qallu sabiex jippreparalu r-rizenja bil-miktub u li r-rizenja qed tkun accettata. Ix-xhud kompla li ftit tal-hin wara l-Appellant qal li hu ma kienx ser jirrizenja.
Ix-xhud kompla li f'dak l-istant, l-Appellant kien gie nfurmat mis-Sur Muscat Monsigneur li kien ser ikun *redundant*. Haga, sostna x-xhud, li kienet ilha kontemplata li jsiru *redundancies*, izda pero' li s-Sur Muscat Monsigneur kien qed jistenna li kullhadd jirrizenja bil-kwiet u dan minhabba l-fatt li kullhadd kien jaf li x-xoghol kien qed jonqos.
Ix-xhud qal li sa minn xhur qabel sehh l-incident, kienu saru laqghat li fijhom kien jiehu sehem l-Appellant fejn is-sitwazzjoni xejn tajba tal-kumpanija kienet tkun maghrufa.
Dwar it-*target* li kien gie moghti l-Appellant, ix-xhud qal li tali sistema ta' target setting kienet issir ma' kull dipartiment u kienet issir ghal kull xahar.

**Karl Grech** l-Appellant xehed li huwa beda jahdem mall-kumpanija bejn l-2009-2010, originarjament bhala *Marketing Director*, pero' wara nghata xoghol ta' *business development*, fejn huwa kien jirrispondi direttament lid-Direttur Muscat Monsigneur.

Huwa spjega li bazikament ix-xoghol tieghu kien li jgib xoghol u klijenti godda. Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti dettalji ta' kif kien iwettaq ix-xoghol propju. Filwaqt li semma xi klijenti li huwa kien ikun involut fix-xoghol taghhom huwa stqarr li biex jinstabu klijenti godda kien qed ikun difficli. Ix-xhud qal li huwa flimkien ma' membri ohra tal-*management* gieli ddiskutew is-sitwazzjoni xejn tajba tal-kumpanija u dan kemm mil-lat ta'

xoghol u anke mil-lat finanzjarju. Huwa stqarr li '…l-*job* tieghi *was on the line* gie *pointed out to me* hafna drabi…..'.
Ix-xhud qal li xi xhur qabel spicca mill-impjieg bdew jirrizenjaw uhud mill-kollegi tieghu fil-*management level* u f'dan il-kuntest aktar minn darba kien inghata indikazzjoni mid-Direttur Muscat Monsigneur li l-*operation* tal-kumpanija ser tkun f'idejh.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jaghti dettalji tal-*meeting* li kien sar f'Novembru 2013, fejn kienet ghadha kif spiccat mill-impjieg Maria Zammit il-*Commercial Director*, fejn huwa kien inghata *over* ix-xoghol taghha, li kien jinvolvi hafna *invoicing* u xoghol voluminuz iehor. Huwa qal li fil-kamra kien hemm id-Direttur Muscat Monsigneur, Tony Fiorini u Eleazer Borg. Ix-xhud qal li malli dahal Muscat Monsigneur kien beda jispjegalu fil-qosor kif hu flimkien ma' zewg impjegati ohra kellhom jihhendiljaw l-agenzija tal-*client handling*. Ix-xhud qal li f'mument minnhom Muscat Monsigneur kien qallu jekk jistax jiggarantixxi b'€25,000 fix-xahar xoghol bejniethom it-tlieta. Ix-xhud stqarr li f'dak il-mument huwa ezita ruhu ghaliex ma kienx f'posizzjoni jiggarantixxi jekk ma jkunx konxju b'certu *projections* sabiex ikun jaf kif wasslet dik il-figura. Ix-xhud sahaq li f'dak il-mument huwa qal lil Muscat Monsigneur li hekk ikun fornut b'certu nformazzjoni ikun f'posizzjoni jaghti parir. Ix-xhud stqarr li r-reazzjoni ta' Muscat Monsigneur f'dak il-hin kienet li jekk huwa ma kienx f'posizzjoni li jiggarantixxi dak il-volum ta' xoghol allura l-impjieg tieghu u tat-tnejn l-ohra fid-dipartiment ma jkunx vijabbli.
Ix-xhud stqarr li t-ton tad-diskors ta' Muscat Monsigneur li bih kien qed jitlob dik il-garanzja, kien wiehed li jinftiehem li jekk il-figura ma tintlahaqx l-impjiegi kienu fil-periklu.
Dwar dan il-*meeting* li skont ix-xhud ma hax aktar minn kwarta, ntemm b'dizappunt min-naha tad-Direttur Muscat Monsigneur ghaliex ippretenda li fi ftit minuti jinghata garanzija ta' xoghol fuq il-figura li kien ikkwota. Ix-xhud qal li wara dan il-*meeting* huwa kompla bix-xoghol normali tieghu.

Mistoqsi mit-Tribunal, ix-xhud stqarr li wara dik il-laqgha ma harigx *relaxed,* tant li huwa hass li l-'*posizzjoni tieghi hija threatened'*. Aktar tard ix-xhud qal li beda jahseb li jekk ix-xoghol tal-agenzija jieqaf huwa kien jitpogga responsabbli 100% fuq ix-xoghol tal-Yes Project.
Ix-xhud wara ghadda sabiex jirrakkonta dwar inkontru li huwa kellu ma' Muscat Monsigneur xi ghaxart'ijiem wara. Qal li huwa kien fil-fazi li jispicca l-*processing* kollu tax-xoghol li kien ha minghand Maria Zammit, u

dan flimkien ma’ volum kbir ta’ *quotations* u *approvals* ta’ xoghol ta’ klijent importanti.
Ix-xhud kompla li dakinhar kien il-Gimgha, ghal habta tas-18.30 huwa mar fl-ufficcju tad-Direttur Muscat Monsigneur sabiex jghidlu li spicca s-*cycle* u li l-*paper work* kien lestieh xi siegha qabel u ghaddieh lill-*Accounts Department*. Ikompli li fl-ufficcju dak il-hin kien hemm ukoll Tony Fiorini.
Ix-xhud qal li Muscat Monsigneur qallu ghaliex kien hemm dan id-dewmien u huwa qallu li kien hemm xi *paperwork* maghmul doppju jew mhux car u li ahjar jitkellmu t-Tnejn halli jkun iccarat min ser jaghmel xhiex, b’hekk jigi iffrankat il-hin meta x-xoghol jigi biex ikun pprocessat.
Ix-xhud qal li f’dak il-mument id-Direttur deher stressjat u b’tonalita gholja qallu sabiex igiblu l-karti halli jiccekkja dak li kien ghadu kif qallu. Ix-xhud qal li kien qallu li l-mazzi tal-karti kien bghathom fl-*Accounts* fejn kienu msakkrin ghaliex dak il-hin ikunu diga’ ghalqu u telqu d-dar. Ix-xhud qal li kien inutli li beda jipprova jispjegalu li huwa ried ikellmu sabiex certu xoghol isir ahjar.
Ix-xhud sostna li l-mod kif beda jaffrontah d-Direttur dehrlu li kien hemm nuqqas ta’ fiducja fl-operat tieghu. Ix-xhud jghid li kien f’dak il-mument li huwa qal lid-Direttur li donnu huwa mhux fdat. Ix-xhud kompla li hassu sorpriz kif kien qed ikellmu hekk meta granet qabel kien qallu li ser ikollu responsabilitajiet ta’ xoghol aktar.
Ix-xhud qal li fl-ghaxart’ijiem precedenti qatt ma hassu li kellu xogholu mhedded anzi kien diga’ beda jiehu ammont ta’ xoghol akbar taht ir-responsabilita tieghu. Dan qalu pero’ filwaqt li bhal kulhadd kien konxju li s-sitwazzjoni generali tal-kumpanija ma kienetx tajba, pero’ ma kienx jaf li l-kumpanija kienet f’riskju li tfalli. Ix-xhud jghid li ghalih is-sitwazzjoni kienet ‘*challenge*’, bhal sfidi ohra li gieli ffaccjat il-kumpanija, tul is-seba’ snin li huwa ghamel impjegat maghha. Ix-xhud qal li lejn l-ahhar xhur, id-Direttur kien idderiega lil kulhadd lejn ‘*a change of business strategy, a change of business model’.*

Ix-xhud qal li f’dawk il-mumenti huwa kien qal lid-Direttur li jekk hu mhux fdat allura x’kien qed jaghmel hemmhekk. Ix-xhud qal li d-Direttur irrejagixxa billi qallu li jekk irid jista’ jmur jikteb ir-rizenja. Ix-xhud wiegbu li huwa ma kienx irrizenja izda d-Direttur beda jghidlu li ‘…iva rrizenjajt..’.
Ix-xhud qal li dak il-hin kien ixokkjat u mar lejn l-ufficcju tieghu sabiex jikkalma. Ix-xhud kompla li ftit tal-hin wara gie hdejn id-Direttur u filwaqt li qallu sabiex ma jmissx xejn, l-anqas il-kompjuter, insista mieghu sabiex ir-rizenja jaghmilha miktuba bl-idejn.

Ix-xhud ta detalji tal-battibekk li segwa u qal li meta huwa baqa' jinsisti li ma rrizenjax id-*Direttur* qallu mela naghmlek *redundant*, sabiex b'hekk tkun tista' tirregistra.
Ix-xhud qal li wara huwa libes il-glekk ha b'idejn id-Direttur Muscat Monsigneur u telaq. Ix-xhud qal li xi gimgha wara rcieva ittra fejn kienet tghid li huwa kien *redundant*.
Ix-xhud insista li d-Direttur ghamlu *redundant* ghaliex huwa (ix-xhud) kien qallu li huwa ma kienx ser jirrizenja ghaliex inkella ma jkunx jista' jirregistra u jitlef il-beneficcju tal-N.I. Ix-xhud sostna li kien ghalhekk li t-*termination* saret taht is-sura ta' *redundancy.*
Ix-xhud qal li f'dak il-mument propju huwa ma hassx illi kien ser jigi *redundant,* minkejja li xi kollegi diga' kienu ghazlu li jirrizenjaw minhabba s-sitwazzjoni.
Ix-xhud sahaq li f'dak l-inkontru u cjoe' meta Muscat Monsigneur qallu sabiex imur jikteb ir-rizenja u huwa rrifjuta, huwa qatt ma qal li kien ser jirrizenja jew li kellu ntenzjoni li jirrizenja mix-xoghol. Ix-xhud spjega li kien f'dan il-kuntest li Muscat Monsigneur kien qallu li kien ser jaghmlu redundant minflok rizenja u dan sabiex ikun jista' jirregistra ghax-xoghol.
Ix-xhud ikkonferma li fl-istess granet meta kien gie notifikat li kien gie *redundant,* huwa kien ircieva pagament li kien jinkludi ukoll hlas ghal perjodu tan-*notice*.
Ix-xhud stqarr li apparti dawn il-proceduri quddiem dan it-Tribunal huwa ma fetahx proceduri ohra kontra l-kumpanija fir-rigward tat-tmiem tal-impjieg tieghu.
Ix-xhud qal li wara li huwa spicca minn mall-Lighthouse u cjoe' fil-5 ta' Dicembru, 2013, rega' qabad jahdem fil-5 ta' Dicembru, 2014.

- **Sintesi tat-trattazzjonijiet tal-kaz**

**Dr. Andrew Borg Cardona** ghan-nom tal-Appellant beda billi qal li fil-fehma tieghu dan il-kaz ma fihx kwistjonijiet kumplikati ta' ligi izda interpretazzjoni differenti ta' fatti li sehhew f'zewg laqghat. Dr. Borg Cardona qal li mid-dettalji ta' dawn il-laqghat jidher li l-*Employer* kien wisq herqan biex jittermina l-imjieg tal-Appellant. Huwa sostna li ma kienx relevanti jekk eventwalment kienetx ser issehh it-terminazzjoni. Dr. Borg

Cardona ddeskriva d-decizjoni li l-*Employer* temm l-impjieg tal-Appellant bhala hatfa fil-kelma meta fil-battibekk bejn l-Appellant u l-*Employer* issemmiet 'r-rizenja min-naha tal-Appellant'. Dan fis-sens, sahaq Dr. Borg Cardona, li galadarba l-Appellant ma kienx ser jirrizenja allura kellu jigi ssensjat. Huwa argumenta li s-sensja sehhet fil-mument attwali tan-nuqqas ta' qbil fl-argument illi kellhom l-Appellant u l-*Employer*. Dr. Borg Cardona temm billi nsista li l-*Employer* ried jehles mill-Appellant '*at all costs*'.

**Dr. Paul Gonzi** ghan-nom tas-Socjeta' ntimata beda billi qal li wiehed ghandu jqis l-interpretazzjoni tal-fatti mhux biss fil-kuntest taz-zewg laqghat riferuti fil-process izda fil-kuntest tas-sitwazzjoni li kienet fiha l-kumpanija fil-gimghat u x-xhur ta' qabel. Dr. Gonzi rrefera ghad-diversi dettalji li hargu matul il-process ta' dan il-kaz fejn intwera li l-kumpanija, sa minn qabel ma sehh it-tmiem tal-impjieg tal-Appellant, kienet tinsab fi stat prekarju. Stat li skond Dr. Gonzi kien konxju minnu l-Appellant. Dr. Gonzi hawnhekk ghamel referenza ghall-ewwel laqgha fejn propju giet diskussa s-sitwazzjoni xejn tajba tal-kumpanija. Dr. Gonzi tenna li dakinhar li gie mitmum l-impjieg tal-Appellant, il-kumpanija kellha kull raguni li tikkancella l-posizzjoni okkupata mill-Appellant u fil-fatt ma dahal hadd minfloku.

- **Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal**

Sabiex kellu jasal ghall-konkluzjonijiet tieghu dwar dan il-kaz, it-Tribunal kellu janalizza l-interpretazzjonijiet kontrastanti taz-zewg partijiet tal-fatti kif sehhew u li wasslu ghat-tmiem tal-impjieg 'in kwistjoni'. Min-naha tas-Socjeta' ntimata tghid, li minhabba sitwazzjoni ekonomika hazina li kient sfat fiha l-kumpanija  l-Appellant safa *redundant*.  Min-naha tal-Appellant jghid li t-tmiem tal-impjieg tieghu gie definit bhala '*redundancy'* bhala skuza sabiex f'mument partikolari safa mkecci.
Spiss jigri li f'kazi ta' allegata *redundancy*, jitqajjmu dubji dwar jekk tali mizura kienetx wahda genwina jew xi kopertura ghal ragunijiet ohra kif qed jigi sostnut f'dan il-kaz min-naha tal-Appellant.

It-Tribunal m'ghandux dubju li sa minn qabel gie ssensjat l-Appellant, is-sitwazzjoni tal-kumpanija ma kienetx wahda li tista' tigi deskritta bhala felici. It-Tribunal m'ghandux dubju l-anqas illi kieku l-Appellant ma safax issensjat dakinhar kien jisfa hekk ftit taz-zmien wara.

Pero' li ried jiddeciedi fuqu t-Tribunal huwa, li kieku ma sehhx l-argument dwar jekk l-Appellant offriex li jirrizenja jew le, huwa kien jigi ssensjat fil-5 ta' Dicembru, 2013? Li kieku f'dik li qed tkun riferuta bhala t-tieni

laqgha, l-Appellant gab id-dokumenti li kien staqsa ghalihom l-*Employer* u allura ma kienx jinholoq battibekk, is-sensja xorta wahda kienet tinghata dak in-nhar? It-Tribunal ma giex konvint li li kieku ma sehhx dak li sehh fit-tieni laqgha is-sensja kienet tinghata fil-5 ta' Dicembru, 2013.

It-Tribunal analizza bir-reqqa il-fatti kif ipprezentati u dan ghamlu sabiex ikun accertat li r-raguni ta' '*redundancy*' ma kienetx qieghda tintuza bhala mezz konvenjenti u rhis u li permezz tieghu tigi licenzjata persuna sgradita.

Tali analizi wasslet lit-Tribunal ghal-konvinzjoni li d-decizjoni li jigi mitmum l-impjieg tal-Appellant propju nhar il-5 ta' Dicembru, 2013, kienet wahda motivata mill-argumenti kif sehhew fil-laqgha riferuta. Decizjoni frettoluza li mhux eskluz li ttiehdet kif ittiehdet frott tal-preokupazzjonijiet li kellu l-*Employer* minhabba l-istat tal-kumpanija.

- **Decizjoni**

Tenut kont tal-fatti kollha kif gew esposti f'dan il-process, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-terminazzjoni tal-impieg tal-Appellant fl-inkwadratura kif sehhet ma kienetx wahda gusta.

F'din ic-cirkostanza, t-Tribunal jiffissa l-kumpens dovut lill-Appellant fis-somma ta' €2,330. Liema ammont irid jithallas mis-Socjeta' ntimata fi zmien erba' gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabbilixxi d-drittijiet ta' minn assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**
**Charles Cassar**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**